**20 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Fedele Dalli

*versus*

Coronato Sare`

## Ritrattazzjoni - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi - Żball

*Hemm lok għal ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti espressament tat deċiżjoni. U jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk jirriżulta li l-Qorti tkun applikat il-liġi l-ħażina għall-fatti kif pruvati u mhux jekk tapplika l-liġi, applikabbli għal dawk il-fatti, ħażin.*

*Hemm lok ukoll għar-ritrattazzjoni fejn is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Jitqies li hemm żball fil-każ li deċiżjoni tkun ibbażata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita` tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża jew fuq is-supposizzjonijiet li ma jeżistix xi fatt li l-verita` tiegħu tkun stabbilita posittivament, basta li l-każ ta' wieħed u l-ieħor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża ta' ritrattazzjoni ta' kawża deċiża sa issa in parte mill-Qorti ta' l-Appell, li ċaħdet l-ewwel aggravju ta' l-appellant li sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet nulla u bla effett *fil-liġi* għax ingħatat in vjolazzjoni tal-prinċipju *audi alteram partem*;

*Omissis*;

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni biex tistabbilixxi qabel xejn jekk jokkorrux l-elementi meħtieġa biex jiġi awtorizzat is-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li dawn l-elementi ma jirriżultawx inkwantu r-ritrattant qiegħed jinvoka s-sub-inċiż (e) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12. Jidher infatti li l-appellant li qiegħed jittanta jutilizza dan ir-rimedju staordinajru li tagħti l-liġi biex jiġu rettifikati inġustizzji palesi ħalli jkollu l-każ tiegħu rivedut minn Qorti tat-Tielet Grad li, kif hu risaput, mhuwiex rikonoxxut u permess fis-sistema ġuridiku nostran;

**L-artikolu 811 sub-inċiż (e)** - Dan jistabbilixxi illi hemm lok għal ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi **fil-każ biss** li d-deċiżjoni, **meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata**, ma tkunx skond il-liġi, **basta** li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti espressament tat deċiżjoni;

Hu stabbilit illi jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni taħt dan is-sub-inċiż jekk jirriżulta li l-Qorti tkun applikat il-liġi l-ħażina għall-

fatti kif pruvati u mhux jekk tapplika l-liġi applikabbli għal dawk il-fatti ħażin. "L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux soġġetta għall-interpretazzjoni, razjonċinji jew argumenti. (**Aquilina** *vs* **Aquilina**, Vol. *XLII*, *P.I*, p. *227*; **Azzopardi** *vs* **Gerada**, Vol. VII, p. 526; **Camilleri** *vs* **Bezzina**, Vol. XXIII, P.I, p. 264; **Wismayer** *vs* **Wismayer**, Vol. XXIX, P.I, p.795; **Xuereb** *vs* **Xuereb**, deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1992, **Micallef** *vs* **Pavia**, deċiża minn din il-Qorti fl-1994). Hu proprju għalhekk illi f'dawn il-każijiet il-liġi tesiġi espressament illi r-ritrattant għandu jindika fil-petizzjoni tiegħu liema artikolu tal-liġi kellu jiġi fil-fehma tiegħu applikat mill-Qorti li ppronunzjat is-sentenza mpunjata (artikolu *816* tal-Kap. *12*). *Dan* l-ewwel rekwiżit basilari l-appellant naqas li jissodisfa mhux għax ma riedx hekk jagħmel imma għax fil-verita' ma setgħax;

Difatti l-appellant qed jitlob li tiġi ritrattata deċiżjoni in parte mill-Qorti ta' l-Appell li ċaħdet sottomissjoni tiegħu li sentenza mogħtija minn Qorti ta' l-ewwel grad kienet nulla għax dik il-Qorti pproċediet biex tagħti deċiżjoni fuq il-meritu kollu meta l-kawża kienet ġiet differita għas-sentenza biss fuq aspett preliminari u parzjali tal-vertenza. Quddiem il-Qorti ta' l-Appell l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Ewwel Qorti naqset li tagħtih smigħ xieraq. Ma *hemm* l-*ebda kwistjoni dwar il-fatti kif* ġ*raw. Kien hemm* biss nuqqas ta' qbil fuq x'kienu jfissru dawk il-fatti. L-appellant issottometta illi s-sentenza fuq il-meritu kienet riżultat ta' **żball** naxxenti mill-atti proċesswali tal-kawża stess. Hu jissottometti illi:

"Il-Qorti ta' l-Appell ukoll segwit lill-esponent (l-appellant) fl-intraċċjar tal-fatti kif esposti u ukoll emmnet lill-avukat ta' l-esponent fix-xhieda tiegħu. Pero' il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet

li l-avukat ta' l-esponent seta' fehem ħażin x'kellha f'rasha l-Ewwel Qorti u ċaħdet l-aggravju tan-nullita' fuq daqshekk";

Ir-ritrattant qed jitlob li l-kawża ġiet ritrattata għaliex il-Qorti ta' l-Appell fehmet li l-fatti kif ġraw ifissru mod u mhux mod ieħor. Qiegħed allura jikkontesta rażonċinju tal-Qorti li jsostni li hu żbaljat u li kellu infatti jwassalha fuq dawk l-istess fatti għall-konklużjoni opposta. Konklużjoni skond hu inkontestabbli u toħroġ mill-atti. Ovvjament ir-ritrattant mhux jikkontesta li l-Qorti applikat il-liġi il-ħażina, imma qed jikkontesta __l-interpretazzjoni__ li tat il-Qorti ta' l-Appell għall-fatti quddiemha u li wasslitha għad-deċiżjoni - skond l-appellant skorretta - illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu ritwali u korretti. Interpretazzjoni li konsegwentement waslet lill-Qorti ta' l-Appell għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tal-parti li tinstema'. Hu ċar - u dan hu ammess mill-istess appellant - illi l-liġi applikabbli kienet il-prinċipju bażilari ta' l-*audi alteram partem*. Dan hu l-prinċipju li l-Qorti ta' l-Appell __ikkunsidrat__ u __applikat__ b'eżitu negattiv għar-ritrattant. Dan is-sub-inċiż ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 mhux allura applikabbli;

__L-artikolu 811 sub-inċiż (l)__: Dan jagħti lok għar-ritrattazzjoni fejn is-sentenza kienet __l-effett ta' żball__ li jidher __mill-atti__ jew mid-dokumenti tal-kawża. Għall-fini ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm żball fil-każ li deċiżjoni tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża jew fuq is-suppożizzjonijiet li ma jeżistix xi fatt li l-verita' tiegħu tkun stabbilita posittivament, __basta__ li l-każ ta' wieħed u l-ieħor, __il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza__. Dan is-sub-inċiż jikkomplimenta s-sub-inċiż l-ieħor (e). Filwaqt li dan l-aħħar sub-inċiż jipprevedi u jipprovdi għal ritrattazzjoni fuq żball __ta' liġi__, ta' l-ewwel jipprevedi u jipprovdi

għal ritrattazzjoni fil-każ ta' żball **ta' fatt**. Iż-żewġ sub-inċiżi huma redatti bl-istess diċitura, isegwu l-istess ħsieb u *jimponu* l-istess restrizzjonijiet bl-applikazzjoni tagħhom biex jassiguraw illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni jkun wieħed verament ta' natura eċċezzjonali u li dan ma jiġix abbużat biex jipprovdi forma ta' Qorti oħra ta' reviżjoni. L-interpretazzjoni restrittiva mogħtija mill-ġurisprudenza fuq ċitata li sewwa tiddefinixxi u tillimita l-parametri ta' dan ir-rimedju fil-każ ta' żball ta' liġi għandha għalhekk tiġi applikata ukoll *mutatis mutandis* fejn hu allegat żball ta' fatt;

Issa fil-każ in eżami il-Qorti ma tarax fejn hu l-iżball ta' fatt li jista' jagħti lok għal ritrattazzjoni. Irid jinżamm ferm illi r-rimedju *ta' ritrattazzjoni jirreferi f'dan il-każ għal proċedura fl-istadju ta' l-*appell u huwa f'dan l-istadju li għandu jiġi identifikat l-iżball ta' fatt li allegatament jagħti lok għal dan ir-rimedju. Jirriżulta illi l-iżball ta' fatt li fuqu hi mibnija din il-parti tal-petizzjoni għar-ritrattazzjoni tirreferi għal dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti u li diġa' ġew ikkunsidrati mill-Qorti ta' l-Appell **li ddeċidiet dwarha**;

Ir-ritrattant infatti jgħid li: "il-Qorti ta' l-Appell **kellha quddiemha** serje ta' fatti li huma innegabbli u li minnhom din l-istess Qorti **kellha tikkonkludi** jekk is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti marritx oltre dak li kien miftiehem bejnha u bejn il-partijiet". Wara li elenka dawn il-fatti jsostni illi "s-sentenza ta' l-*Ewwel Qorti* fuq il-meritu kienet riżultat ta' żball naxxenti mill-atti proċesswali tal-kawża stess", u r-ritrattant jissottometti illi l-Qorti ta' l-Appell qieset dawn ir-riżultanzi kollha. Apprezzathom **iżda ddeċidiet** billi ċaħdet l-aggravju għaliex fil-fehma tagħha "l-avukat ta' l-appellant seta' fehem ħażin x'kellha f'rasha l-Ewwel Qorti";

Dan kollu juri li *ex admissis* ir-ritrattant bl-ebda mod ma kien

qed jallega illi l-Qorti ta' l-Appell ħadet xi żball ta' fatt fit-terminu tas-sub-inċiż (1) ta' l-artikolu 811 li jintitolah għal rimedju ta' ritrattazzjoni. Hu stess jispeċifika l-aggravju tiegħu hekk: "Il-fatti **kif esposti** qatt ma setgħu jwasslu lill-Qorti ta' l-Appell għal din il-konklużjoni". Jaċċetta allura li l-fatti ma kinux żbaljati; kienet *se mai* l-interpretazzjoni tagħhom mill-Qorti ta' l-Appell li kienet żbaljata. Dan fih innifsu jeskludi r-rimedju ta' ritrattazzjoni;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba tal-konvenut ritrattant li s-sentenza in parte tal-Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Jannar, 1992 tiġi ritrattata, bl-ispejjeż kontra tiegħu. Tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal kontinwazzjoni.